



C/2024/4411

8.7.2024

**RAKKOMANDEZZJONI TAS-CENTRAL BANK OF CYPRUS**

**tat-2 ta' Lulju 2024**

**lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tas-Central Bank of Cyprus**

**(BĊE/2024/16)**

(C/2024/4411)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro huma awditjati minn awdituri esterni indipendenti rakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Il-mandat tal-awdituri esterni tas-Central Bank of Cyprus, PricewaterhouseCoopers Limited, intemm wara l-awditu għas-sena finanzjarja 2022. Għalhekk jenħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2023.
- (3) Is-Central Bank of Cyprus għażel lil Baker Tilly Klitou and Partners Limited bhala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2023 sa 2027,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDEZZJONI:

Huwa rakkomandat illi Baker Tilly Klitou and Partners Limited għandhom jinħatru bħala l-awdituri esterni tas-Central Bank of Cyprus għas-snin finanzjarji 2023 sa 2027.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-2 ta' Lulju 2024.

*Il-President tal-BĊE*  
Christine LAGARDE